MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 532/2014

Appell Nru: 532/2014

Il-Pulizja

Spettur Spettur Roderick Agius

Vs

Darren Micallef

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Darren Micallef, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 248986M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fis-26 ta' Ottubru, 2010 fil-bitha tal-kumpanija Aquatess Marketing Ltd. fi Triq Ghar Ram, tal-Handaq, Hal Qormi, u f'dawn il-Gzejjer, hebb ghal John Urry sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna.
2. Fl-istess, hin, lok u cirkostanzi, lil John Urry ikkagunalu feriti ta' natura gravi fil-halq, liema feriti jgibu sfregju gravi u permanenti fil-haqlq hekk kif iccertifikat minn Dr. Jean Paul Demajo;
3. Fl-istess, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
4. Fl-istess, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid anki jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti sabet lill imputat hati, rat l-artikolu 216(1)(ii) tal-Kap 9. Ikkunsidrat l-attenwanti generici u kkundannatu tlettax il-xahar prigunerja li ssospendiethom ghal sentejn sakemm l-imputat ma jikkommettix reat punibbli bi prigunerija f'dan iz-zmien operattiv u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Rat l-artikolu 17(d) tal-Kap 9 dwar il-konkors ta' reati u pieni u lliberatu mill-bqija. Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Darren Micallef, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-imputat gie liberat, u thassar dik il-parti tas-sentenza in kwantu sabithu hati tat-tieni akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellat, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Darren Micallef huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellant umilment u bir-rispett jissottometti li l-Ewwel Qorti ma tatx piz u konsiderazzjoni ghal fatt li l-appellant gie aggredit minn John Urry. A fol 12 tal-process, John Urry jghid li l-appellant offendieh *'u ersaqt lejh'*. Fil-kontroezami, l-istess John Urry jghid li Darren Micallef hareg 'l barra *'u mhux jien bghattu'*. Illi l-appellant jissottometti li dan juri b'mod car li hu mhux biss gie pprovokat meta John Urry resaq lejh izda wkoll aggredit peress li meta hu stess telaq minn fuq il-post ghaliex il-parti leza John Urry kien qed jghajjat mieghu dan l-istess John Urry mar ghal warajgh. Tant hu minnhu dan li jirrizulta ampjament car li l-partijiet gew fl-idejn barra fil-bitha. Huwa l-istess John Urry li jghid li l-appellant telaq barra u dan xoprta mar ghal warajh. Ghalhekk John Urry kkontribwixxa b'mox qawwi ghall-incident u l-appellant umilment u bir-rispett huwa tal-fehma li l-Ewwel Qorti naqset li taghti piz lil dan il-fatt.

(2) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria:

*".. che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibile, ne di sifare un delitto gia commesso..."*

Illi l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat huwa impjegat mad-ditta Aqutess li ghandha fabbrika f'Tal-Handaq. Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant kien xoghol fuq l-assembly line ta' din il-fabbrika li hin minnhom waqfet temporanjament minhabba nuqqas ta' xi materjal. Il-parti leza jahdem bhala manager fil-fabbrika u dak il-hin dahal jghajjat mal-haddiema inkluz l-appellant talli kienu qed jahlu l-hin ipacpcu u b'hekk kien hemm nuqqas ta' produzzjoni tal-

fabbrika. Hawnhekk jidher illi l-appellant hassu offiz bl-ghajjat tal-kwerelant u gabar hwejjgu u ghamel biex jitlaq izda kif wasal fil-bitha tal-fabbrika bil-kwerelant miexi warajh dar lejh u fajjarlu daqqa f'halqu u kissirlu snienu.

Fil-konsiderazzjoni taghha l-ewwel Qorti ikkoncediet illi hin minnhom il-parti leza jew il-kwerelant gholla lehnu mal-appellant quddiem shabu l-ohra u meta ikkonfrontaw lil xuxlin fil-bitha tal-fabbrika l-kwerelant imbuttah u b'reazzjoni ta' dan l-appellant dar u tah daqqa f'wiccu bil-konsegwenzi msemmija. Kompliet taghid li "ghalkemm tista' talvolta tigi intravista xi forma ta' provokazzjoni hi ghal kollox nieqsa fil-fehma tal-Qorti l-element tal-proporzjonalità." U ghalhekk deherilha illi l-iskuza tal-appellant ma kellhiex tibbenefika minn din il-forma ta' skuzanti.

B'sentenza tas-sittax (16) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 78) l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' dan l-incident u ikkundannatu ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti interpretat hazin il-fatti u ma tatx piz ghall-fatt illi kien il-kwerelant John Urry illi kien avvicina lill-appellant u gie aggredit. Dan juri b'mod car illi l-appellant mhux biss gie provokat meta John Urry resaq lejh izda ukoll aggredit peress illi meta hu stess telaq minn fuq il-post l-istess kwerelant mar ghal warjah. Argumenta illi kien il-kwerelant John Urry illi ikkontribwixxa b'mod qawwi ghall-incident u l-appellant umilment u bir-rispett huwa tal-fehma illi l-ewwel Qorti naqset illi taghti piz ghal dan il-fatt.

Ikkunsidrat:

Il-provokazzjoni bhala difiza huwa regolat bil-proviso tal-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi test oggettiv ghal sitwazzjoni bhal din. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Emanuel Tabone" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 intqal "Biex provokazzjoni tkun tista' titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwizti kollha tal-proviso tal-artikolu 227(c). Fost dawn ir-rekwiziti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunament igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Il-kriterju, ghalhekk, hu wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju." Il-Professur Mamo fin-noti

tieghu (pagna 241) jikkummenta "The test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self control, not whether it was sufficient to deprive of his self control the particular person charged ...". F'dan il-kaz jidher illi kien hemm diverbju bejn il-kwerelant u l-appellant li kien jirrelata max-xoghol illi kien qieghed jaghmel l-appellant. B'rabja l-appellant telaq minn fuq il-lant tax-xoghol u beda hiereg 'il barra bil-kwerelant miexi warajh. Jidher illi dan id-diverbju baqa' ghaddej u f'xi hin il-kwerelant imbotta lill-appellant illi dan dar u tah daqqa fuq wiccu u kissirlu sinna. Jidher illi t-tnejn spiccaw mal-art peress illi l-appellant gie mghejjun iqum minn shabu fil-fabbrika.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-agir tal-appellant hu wiehed ta' persuna ta' temperament ordinarja u lanqas ma hemm proporzjonalità bejn l-azzjoni tal-kwerelant u r-reazzjoni tal-appellant. Jekk il-kwerelant uza xi forza sabiex jimbotta lill-appellant, dan min-naha tieghu ma jistax jirrispondi bil-vjolenza billi jaghti daqqa ta' ponn. L-uzu tal-forza huwa mod, mentri l-uzu ta' vjolenza huwa mod iehor. L-appellant ma jistax issa jgawdi minn din l-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas b'mod generiku.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Dan jihder illi huwa l-kaz. Kwindi din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------